# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.5

**Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib**

**Lezzjoni 4.5: L-importanza tat-talb**

**L-Għanijiet:**



Matul din il-lezzjoni t-tfal ser:

1. jifhmu l-importanza tat-talb.
2. jisimgħu l-parabbola tal-ħabib f'nofs ta' lejl (Luqa 11).
3. jitgħallmu li qatt m'għandhom jaqtgħu qalbhom mit-talb.
4. jibdew jiffamiljarizzaw ruħhom mat-talb tal-quddiesa.
5. jitgħallmu t-talba tal-Missierna.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Il-parabbola tal-ħabib f'nofs ta' lejl -

  http://www.youtube.com/watch?v=1fnElIVTOrs

Jew mill-Bibbja għat-tfal paġna 302

- Forma ta' werqa għal kull student biex jiktbu t-talba fuqha.

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistsaqsi lit-tfal jekk xi darba ridux xi ħaġa u baqgħu jitolbuha lill-ġenituri tagħhom sakemm fl-aħħar xtrawlhom din il-ħaġa. Staqsi tfal differenti x'kien dan l-oġġett.
- Wara spjega u staqsi jekk meta xtaqu din il-ħaġa, talbuhiex lill-ġenituri tagħhom darba biss jew inkella aktar minn darba. Staqsihom għaliex għamlu dan (aktar minn darba għax meta nkunu nixtiequ xi ħaġa, nitolbuha aktar minn darba).

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Kompli l-lezzjoni billi tirrakkonta lit-tfal l-istorja tal-ħabib f'nofs ta' lejl. Tista' tuża l-vidjow minn You tube jew taqra l-istorja mill-Bibbja tat-tfal minn paġna 302.
2. Wara staqsi lit-tfal x'fiehmu minn din l-istorja (li meta titlob, taqla'; li meta tfittex, issib; trid tibqa' tippersisti). Spjega wkoll dwar l-importanza li nitolbu lil Ġesù kuljum fil-bżonnijiet tagħna ta' kuljum.
3. Staqsi lit-tfal:
    - X'ried ir-raġel mingħand il-ħabib tiegħu? (ħobż)
    - Għaliex ma riedx jagħtih ħobż? (għax kienu reqdin)
    - X'baqa' jagħmel? (ma Ċediex – baqa' jħabbat)
4. Spjega li permezz ta' din l-istorja Ġesù ried jgħallimna li Alla jisma' t-talb tagħna pero ma rridux naqtgħu qalbna. Jekk irridu xi ħaġa, irridu nitolbu għaliha bil-qalb kontinwament.

- Staqsi lit-tfal liema talba għallimna Ġesù biex jgħallimna nitolbu aħjar. (Il-Missierna)
- Meta ngħiduha din it-talba? (Matul il-quddiesa) – Imxi mal-Powerpoint
- Bħala attivita' spjega li ser jibnu siġra tat-talb. Fiz-zokk ikteb: TAQTAX QALBEK – KOMPLI ITLOB.
- Agħti forma ta' werqa lil kull tifel/tifla fejn fuqhom iridu jiktbu talba li jixtiequ huma. Wara jwaħħlu l-werqa fuq is-siġra.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Għandna dejjem nitolbu minn qalbna mingħajr ma naqtgħu qalbna.
2. Il-Mulej jisma' talbna u jagħtina dak li nixtiequ.
3. Il-Mulej jixtiqilna l-ġid u jgħid 'iva' għat-talb tagħna jekk veru jkun jixraqilna u jkun ta' ġid tagħna.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal ikollhom sens ta' talb lill-Mulej u jibqgħu jippersistu fuq dak li jixtiequ.
2. It-tfal jibqgħu jitolbu minn qalbhom mingħajr ma jaqtgħu qalbhom.
3. It-tfal japprezzaw kemm hu sabiħ li juru lill-Mulej li huma qed jitolbu bis-serjetà' u li veru jixtiequ dak li jkunu qed jitolbu.



**Nitolbu**

Għażiż Mulej, għallimna nitolbu bil-qalb u bis-serjetà.  Għinna nkunu paċenzjużi u ma naqtgħux qalbna milli nitolbu.

Grazzi Mulej.